MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 526/2004

**Maria Cuschieri armla ta' Paul,**
**Duncan u Darren ahwa Cuschieri**

**Vs**

**Anthony Borg**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew illi:-

'Peress li favur atturi jesisti kreditu kontra l-konvenut, u dan fis-somma ta' Lm1497.38 rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta' bini li gie esegwit mill-mejjet Paul Cuschieri, li tieghu l-atturi huma l-eredi u dana fuq ordni tal-konvenut.

Peress li minghajr ragunijiet validi fil-ligi ma giex effettwat il-pagament mill-konvenut lill-atturi u ghalhekk ghad hemm id-debitu mhux imhallas.

Talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. tikkundanna lill-konvenut ghall-pagament lill-atturi fis-somma ta’ Lm1497.38 rappresentanti bilanc minn somma akbar ghal xoghol ta’ bini li sar mill-mejjet Paul Cuschieri, li tieghu l-atturi huma l-eredi.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet, u bl-ingunzjoni tal-istess l-konvenut ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Jannar 1999 u tat-13 ta’ Jannar 2000.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata mill-istess attrici (fol 3 tal-atti) li biha qalet bil-qima:

1. Jiena nigi l-armla ta’ Paul Cuschieri, u l-atturi l-ohra huma uliedna. Meta kien haj r-ragel huwa kien bennej, u kien ghamel xoghol lill-konvenut.
2. Il-kont kien tela’ ghall-ammont ta’ Lm4497.38, li minnu l-konvenut hallas Lm3,000. Ghalhekk baqa’ bilanc ta’ Lm1497.38.
3. Dan l-ammont hareg wara li kien hemm il-kontegg mill-Perit, u ghalhekk hu dovut ghaliex hlas ma sarx. Il-konvenut beda jinqeda b’hafna skuzi biex jghid li m’ghandux jaghti, u sadanittant il-bini baqa’ ghandu.

Rat l-eneku tax-xhieda dikjarati (fol 3 ibid) kif ukoll id-dokument a fol 5 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 20 ibid) u li biha ecepixxa bir-rispett:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
2. Bla pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi kif jirrizulta ahjar waqt il-kawza.
3. F’kull kaz l-eccipjenti ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata mill-istess konvenut (fol 21 ibid) u li biha espona bir-rispett:

1. Illi l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
2. Bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi kif jirrizulta ahjar waqt il-kawza.
3. F’kull kaz l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.

Rat l-elenku ta’ xhieda a fol 22 ibid.

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Mejju 2002 (fol 48 et seq ibid) u li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzoni fuq proposta mill-konvenut.

Rat in-nota tal-atturi a fol 104 ibid u d-digriet a fol 105 ibid moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 2004 li bih a bazi tal-artikolu 34(2) tal-Art IX tal-2004 l-atti ta’ din il-kawza gew invjati lil din il-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali dak verbalizzat a fol 203 ibid kif ukoll in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 188, fol 192 u 211 et seq ibid u s-sentenza esebita in atti a fol 205 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti, il-konvenut wara li nstemghu il-provi kollha irrefera ghal dak li jinghad fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 288 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ligi tissejjah l-‘Att Dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini’. Dan l-artikolu jghid illi ebda persuna ma tista tikkuntratta dwar xoghol ta’ bini jew jipprovdi materjal ghal dan il-ghan li dwaru hemm stabbilit prezz permezz tal-istess Att jekk il-persuna ma tkunx registrata taht l-istess Att ghall-istess skopjiet. Dwar dan il-punt iz-zewg partijiet ghamlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ciili u esebita a fol 205 ibid. B’referenza ghall-istess punt, din il-Qorti taqbel illi jekk dak sottomess mill-istess konvenut jigi accettat Minnha, l-istess konvenut jkun potenzjalment u minghajr pregudizzju ghall-meritu tal-kawza, qieghed jaghmel arrikament indebitu, u ghalhekk l-istess Qorti ma tistax

tara kif dak sottomess mill-konvenut, dejjem fuq l-istess punt, jista' jigi akkolt.

Ikkunsidrat

Illi l-atturi, bhala successuri tal-mejjet Paul Cuschieri, qed jitolbu il-hlas ta' bilanc in konnessjoni ma xoghol ta' bini esegwit mill-istess defunt fuq inkarigu tal-konvenut. Difatti, skond l-atturi, l-konvenut kien hallas akkont ta' Lm3,000 minn prezz totali ta' Lm4497.38. Da parti tieghu il-konvenut eccepixxa fil-mertu illi dak mitlub hu infondat, fil-fatt u fid-dritt 'kif jirrisulta ahjar waqt il-kawza' u ' ma ghandu jaghti xejn lill-atturi' minghajr ma spjega, kif suppost, ir-raguni jew ragunijiet ta' dan. Xorta wahda, pero, gew analizzati il-provi prodotti, anke mill-konvenut u dan kif ser jinghad, in sintezi.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici issottomettiet 'affidavait' (fol 68 et seq ibid) spjegat illi l-konvenut kien inkariga lil zewgha, il-mejjet Paul Cuschieri sabiex jkompli u jittermina x-xoghol ta' bini in kwistjoni, wara li l-bennej precedenti, kien '… halla d-dar nofs lehja'. L-istess zewgha kien accetta li hu jkompli dan ix-xoghol minghajr ma kien hemm ftehim bejniethom fuq ir-rati u prezzijiet tax-xoghol. Zewgha kien kompla l-ewwel (1) sular u ghamel kiemm it-tieni (2) sular u l-kamra fuq il-bejt u dan kollu wahdu bl-ghajnuna tat-tfal, Duncan u Darren, it-tnejn atturi ukoll. Inoltre kien sar minn zewgha l-kisi, it-tibjid, it-tpoggija tal-madum kif ukoll zewg kmamar tal-banju u 'drive in' bil-konkos oltre hajt fuq wara u kontra bejt. Dan ix-xoghol kollu gie stmat mill-Perit Chris Grech a bazi ta' indikazzjonijiet li nghataw lilu mill-istess zewgha (ara l-istima a fol 34 maghmula mill-istess Perit u x-xhieda ta' dan a fol 69 et seq ibid) . Dwar pagament, il-konvenut kien hallas f'zewg rati is-somma ta' Lm3000 izda dan tal-ahhar kien ikkontesta l-ammont kollu u ghalhekk kien gie miftiehem li x-xoghol jigi imkejjel minn Perit Arkitett. Fil-fatt l-istess konvenut kien inkariga lill-Perit Anthony Galea ghal dan il-ghan. Ghalhekk il-kejl sar miz-zewg periti izda fl-assenza ta' zewgha sabiex jsir il-kejl u dan hargu stima ta' Lm3,500, wahda baxxa peress illi l-konvenut ma kienx

indika lill-istess periti '… hafna mix-xoghol' inkluz il-kontrabejt, turgien w id-'drive in' bil-konkos. Ghalhekk, il-Perit inkarigat mill-konvenut kien qal lil Perit Chris Grech sabiex johrog stima ohra cjoe dik li diga ssemmiet u esebita a fol 34 ibid, b'bilanc dovut skond kif mitlub fic-citazzjoni in esami izda l-konvenut irrifjuta li jaghmel pagament anke wara medjizzjoni ta' terza persuna (ara ukoll l-'affidavit' ta' Darren Cuschieri a fol 66 u fol 67 ibid u l-kontro ezami ta' dan a fol 160 et seq ibid kif ukoll il-kontro ezami tal-attrici a fol 134 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-Perit Artkitett Anthony Galea (fol 86, 96) kif inkarigat mill-konvenut in konnnessjoni mal-imsemmi kejl, kien, l-ewwel nett ikkomunika mal-Perit Arkitett Edwin Mintoff, li kien inkarigat mix-xoghol kollu ta' bini, inkluz il-permess relattiv u dan tah il-kunsens sabiex l-istess xhud jaghmel il-kejl tax-xoghol. Jidher li skond dan ix-xhud, saret l-ewwel laqgha fis-sit stess, presenti kemm il-konvenut kemm Paul Cuschieri u bhala risultat ta' dan l-inkontru kien irrediga id-dokument a fol 78 et seq ibid. F'din id-deskrizzjoni ossija lista ta' xogholijiet li saru, hu kien indika ukoll '… min minn sar dak ix-xoghol' ossija xoghol li sar mill-konvenut u Paul Cuschieri, flimkien u iehor li sar mill-istess persuni izda individwalment. Sussegwentement kienu saru inkontri kemm mal-konvenut kemm ma Paul Cuschieri, wahedhom izda kien jidher illi ma kienx hemm qbil bejniethom '… dwar liema xoghol ghamel hu (Paul Cuschieri) u liema xoghol(ijiet) saru flimkien'. Ghalhekk, fuq suggeriment tieghu Paul Cuschieri kien inkariga lill-Perit Arkitett Chris Grech u z-zewg periti flimkien kienu hargu '… kont in komuni bejnietna…' fl-assenza tal-partijiet, ammontanti, kif diga nghad ghal Lm3,702. Izda wara kien gie informat mill-Perit ta' Paul Cuschieri li kien hemm '… xi affarijiet nieqsa' u dan tal-ahhar kien baghtlu kont iehor ammontanti ghal Lm4,497 (ara fol 34 u fol 57 ibid) u li sar mill-Perit Arkitett Chris Grech, wahdu. Ix-xhud spjega li d-diskrepanza bejn iz-zewg kontijiet, ma kienetx tinvolvi kwistjoni ta' rati izda wahda ta '… xogholijiet li zdiedu fit-tieni kont …'. Meta tkellem mal-konvenut, dan '.. insista li d-deskrizzjoni tax-xogholijiet li

kienu tawna flimkien kienu finali u ma riedx ihallas id-differenza. Ix-xhud semma’ li kien inhareg kont iehor, qabel it-tnejn gja msemmija, u li fih ikkalkola l-ammont dout mill-konvenut f’kaz li jigi accettat illi x-xogholijiet in kwistjoni saru, anke, bl-ghajnuna tal-istess konvenut (ara fol 83 sa fol 85 ibid). Ix-xhud enfasizza illi ma kienx involut, b’xi mod, fit-tielet kont, redatt mill-Perit Arkitett Chris Grech u lanqas ‘… m’ghamilt ebda apprezzament …’ tieghu. Inoltre hu ghamel l-istess dwar l-ewwel kont, fis-sens illi dan kien sar flimkien mal-Perit l-iehor izda avolja assenti l-partijiet involuti, redatt fuq informazzjoni moghtija lilu mill-partijiet li kienu presenti fuq il-post, u b’qbil mal-Perit ta’ Paul Cuschieri. In rigward it-tieni kont ammontanti ghal Lm3,702 hu tenna li kien sar minnu mal-Perit ta’ Paul Cushieri izda bi bdil biss, fir-rati li ntuzaw fl-ewwel kont, u dan bi ftit.

Ikkunsidrat

Illi l-Perit li kien filfatt inkarigat mix-xoghol kien il-Perit Stephen Bonello (fol 112 ibid) li jahdem fl-ufficju tal-Perit Edwin Mintoff. Dan ix-xhud pero, seta’ jiftakar, biss, li kien mar fuq il-post meta kienu qed jissaqqfu l-ewwel u t-tieni sular u li l-klijent kien il-konvenut. Pero hu semma ukoll li inkarigat mis-supervisjoni tal-kostruzzjoni kien il-Perit Edwin Mintoff (ara fol 101 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (ara fol 115, fol 137, fol 139 u fol 180 et seq ibid) xehed, li waqt li kien gab kemm il-materjal imhallas minnu kemm l-ghodda, kien ftiehem mal-imsemmi Paul Cuschieri sabiex jkompli x-xoghol bhalikieku hu kien ‘… il-lavrant tieghu’. Filfatt hu jghid illi l-istess xoghol kien sar mit-tnejn flimkien xi kultant bl-ghajnuna ta’ hu l-konvenut, Jeffrey. Filfatt l-uniku, xoghol li sar minn Paul Cuschieri, wahdu kien dak li jinvolvi l-kisi w il-madum waqt li hu, wahdu, kien esegwixxa dak li jinvolvi ‘skirting’ u zebgha.

Meta gie terminat ix-xoghol, Paul Cuschieri kien talbu hlas ta’ Lm3,500 b’kollox mill-liema somma, hu jsostni li kien hallas, di gja, Lm3,200. Sussegwetement, kien intalab

jhallas Lm2000 ohra, izda fuq din ma sarx ftehim. Eventwalment kien hu, l-konvenut wahdu, kien inkariga l-Perit Anthony Galea u f'inkontru li sar presenti hu, Paul Cuschieri u l-istess perit izda jidher li Paul Cuschieri ma kienx accetta l-istima li saret. Ghalhekk dan tal-ahhar kien infurmah li kien ser jinkariga l-perit tieghu, il-Perit Chris Grech u 'Wara kienu ltaqghu iz-zewg periti u hargu kont iehor ta' Lm3700. Izda, xhur wara l-Perit inkarigat minn Paul Cuschieri kien hareg stima ohra ammontanti ghal Lm4,497, dan tal-ahhar '…. ma konna nafu b'xejn' u fil-fatt ma kienx qabel ma dan l-ahhar kont ghax '… qiesu jiena ma ghamilt xejn'.

Ikkunsidrat

Illi dwar ix-xhieda tal-Perit Arkitett Chris Grech (fol 69 u fol 167 et seq ibid) wara li din giet ikkunsiderata, il-Qorti tara li din ma kienitx utili sabiex tista' tigi deciza din il-kawza hlief li jinghad li fuq il-kont mahrug wahdu minn dan il-Perit qed tigi bazata t-talba attrici.

Ikkunsidrat

Illi konsiderati l-provi l-aktar rilevaneti ghal dan il-kaz, din il-Qorti tara li d-decizjoni taghha ghandha tigi bazata fuq kif ser jinghad.

1) Jidher li l-konvenut qed jsostni li hu hallas is-somma ta' Lm3,200 izda ma gab l-ebda prova li fuqha l-istess Qorti setghet tistrieh u tikkonkludi li filfatt kien sar il-hlas ta' dan l-ammont. Ghalhekk il-Qorti tara li, bhala hlas akkont, kien hemm involuta s-somma ta' Lm3,000.

2) Jidher car li, f'dan il-kaz, ma kienx hemm xi forma ta' ftehim bil-miktub dwar ix-xoghol li kellu jsir minn Paul Cuschieri li miet qabel ma nbdiet l-istess kawza. Inoltre irrisulta li lanqas ma kien hemm ftehim dwar ir-rati li a bazi taghhom kellu jithallas l-istess Cuschieri.

3) Premess, ghalhekk, dak li, f'dan il-kaz, holoq konfusjoni cara sabiex dan il-kaz jista' jigi deciz din il-Qorti kellha, bilfors, tiddeciedi fuq bazi ta' probabilta (aktarx iva milli le fi ftit kliem) kif ukoll b'certu grad ta' ekwita u arbitrarjeta 'boni viri' da parti tal-istess Qorti.

4) Filfatt l-unici provi bil-miktub li hemm huma t-tlett stimi ossija kontijiet li nhargu u li waslu ghal tlett figuri differenti.

Dwar l-ewwel (1) kont u t-tielet (3) kont (fol 34 u fol 83 rispettivament) it-tielet (3) wiehed kien sar mill-Perit Chris Grech u Paul Cuschieri wahedhom u ghalhekk ghandu jigi skartat. In rigward l-ewwel (1) wiehed jidher li dan kien gie bazat fuq dokument redatt mill-Perit Anthony Galea, presenti l-partijiet kollha (ara fol 78 ibid) liema dokument jelenka ix-xogholijiet li sar minn Paul Cuschieri, wahdu, minn dan flimkien, u bl-ghajnuna tal-konvenut kif ukoll mill-konvenut wahdu. Pero meta nhareg il-kont jidher li ma kienx hemm qbil u ghalhekk saret laqgha bejn iz-zewg periti, fl-assenza ta’ Paul Cuschieri u tal-konvenut sabiex jinhareg kont iehor. Filfatt inhareg it-tieni (2) kont, dak a fol 80 et seq ibid ammontanti ghal Lm3,702.21.. Fil-fehma tal-Qorti, dan hu l-kont, ossija stima li jirrispekkja l-ammont reali dovut lil Paul Cuschieri ossija lill-atturi. Ghalhekk dan il-kaz ser jigi deciz fuq din il-bazi.

Ikkunsidrat

Illi, premess li Paul Cuschieri kien thallas l-ammont ta’ Lm3000 ghad hemm bilanc dovut ta’ Lm702.21.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ in parte t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi is-somma ta’ Lm702.21 ossija €1635.71 imghax legali mis-26 ta’ Jannar 1999 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, dawn jibqghu minghajr taxxa mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------